MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 944/2007

**SISA MALTA LIMITED (C33305) u b'nota at-3 ta' Frar 2010 is-socjeta' S. Mifsud & Sons Ltd assumiet l-atti ta' din il-kawza**

**vs**

**1) Said Zayed Abdussalem EL GASI (karta ta' identita numru 76701L)**
**2) Innocenza sive Cinzia EL GASI (karta ta' identita numru 483559M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Settembru, 2007, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Dikjarazzjoni

1. Illi s-socjeta’ attrici f’diversi okkazzjonijiet bieghet u kkonsenjat lill-konvenuti, diversi prodotti sabiex dawn jinbieghu minnhom mill-hanut bl-isem Savemart Building fi Vjal ir-Rihan, San Gwann gestit mill-istess konvenuti;
2. Illi sal-lum il-konvenuti fadlilhom jhallsu s-somma ta’ mija u disgha mitt elf erba’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmi (LM109,426.40) (€254,894.95) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta prodotti mibjugha mis-socjeta’ attrici lill-konvenuti f’diversi okkazjonijiet, liema ammont jirrizulta mill-anness Dok. A u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali;
3. Illi, ghalkemm interpellati sabiex ihallsu, sal-lum dan il-kreditu tal-konvenuti ghadu ma thallasx;

Raguni tat-talba

Illi l-konvenuti ghandhom jhallsu lis-socjetajiet attrici s-somma ta’ mija u disgha mitt elf erba’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmi (LM109,426.40) (€254,894.95) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ prodotti minnhom mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti f’diversi okkazjonijiet;

Illi ghalkemm dan il-kreditu tas-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenuti huwa dovut, sal-lum il-konvenuti baqghu ma hallsux u ghalhekk dan ghadu dovut;

Illi ghalhekk kellhom jittiehdu dawn il-proceduri;

Talbiet

Talbet ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ mija u disgha mitt elf erba’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmi (LM109,426.40) (€254,894.95);
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u disgha mitt elf erba’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmi (LM109,426.40) (€254,894.95) dovuta kif fuq intqal;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1228/07 u bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti, *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' attrici m'ghandha thallas l-ebda ammont lis-socjeta' rikorrenti;
2. Illi s-socjeta' rikorrenti ma ottempratx ruhha mal-kundizzjonijiet ta' skrittura privata li kien hemm bejn il-partijiet u precizament klawsoli 3 (b), 4 u 9, fejn effettivament is-socjeta' rikorrenti saret shab ma l-intimati fin-negozju taghhom;
(a) Is-socjeta' rikrorenti kienet obbligat ruhha li thallas lil forurnituri ta' l-intimati qabel ma dahlu f'din l-iskrittura izda dawn qatt ma thallsu u kienu l-intimati li imbaghad mill-bejgh li kien qed isir jhallsu lil dawn il-fornituri;
(b) Is-socjeta' rikorrenti ma ghamlet l-ebda rendikont fl-ahhar tax-xahar minn Lulju 2006 sa Novembru 2006 u b'hekk l-intimati ma thallsux il-profitti ta' bejgh li kien qed isir mill-istabbiliment taghhom;
3. Illi bl-iskrittura ta' bejn il-partijiet, fejn kien suppost sempliciment franchise agreement, l-intimati effettivament tilfu kontroll ta' l-aspetti finanzjarju tan-negozju, li giet imbaghad gestita mis-socjeta' rikorrenti, izda l-kontijiet ta' l-operazzjoni bhala pagi, VAT, hlasijet ta' kontijiet ta' konsum ta' elettriku, ilma, telefon u ohra kienu responsabbilta' ta' l-intimati;
4. Illi s-socjeta' rikorrenti terminat l-iskrittura hawn fuq imsemmija, minghajr l-ebda preavviz u minkejja dan naqset milli tigbor l-istock kollu mill-intimati kif kienu mitluba li jaghmlu u kif accettaw li jaghmlu;
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici;

Rat illi l-konvenuti ma pprezentawx nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba dikjaratorja fis-sens li l-intimati jigu dikjarati debituri tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' €254,894.95 rapprezentanti f'diversi konsenji ta' prodotti biex dawn jinbieghu mill-intimati fil-hanut bl-isem *Savemart building* f'San Gwann u talba konsegwenzjali sabiex l-istess intimati jigu ordnati jhallsu tali ammont. Min-naha taghhom, l-intimati El Gasi jirrispingu t-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u jikkontendu wkoll li l-istess socjeta' attrici ma ottempratx ruhha mal-kundizzjonijiet ta' skrittura privata vigenti bejn il-partijiet, u cioe' li l-istess socjeta' attrici kienet obbligat ruhha li thallas lil fornituri tal-intimati qabel ma dahlu f'din l-iskrittura, izda dawn qatt ma thallsu u kienu l-istess intimati li hallsu lill-fornituri, kif ukoll li s-socjeta' attrici m'ghamlet ebda rendikont fl-ahhar tax-xahar minn Lulju 2006 sa' Novembru 2006 u konsegwentement l-istess intimati ma thallsux il-profitti ta' bejgh li kien qed isir mill-istabbiliment taghhom. *Di piu'* permezz tal-istess skrittura ta' bejn il-partijiet li permezz taghha suppost kien hemm *franchise agreement,* l-intimati tilfu l-kontroll tal-aspett finanzjarju tan-negozju li giet imbaghad gestita mis-socjeta' rikorrenti, izda l-kontijiet tal-operazzjoni bhal pagi, VAT, hlasijiet ta' kontijiet ta' konsum ta' elettriku, ilma, telefon u ohra kienu r-responsabbilita' tal-intimati. L-intimati jikkontendu wkoll li s-socjeta' attrici itterminat l-iskrittura privata msemmija minghajr l-ebda preavviz u

naqset milli tigbor l-istock kollu mill-intimati kif kienu mitluba li jaghmlu u kif accettaw li jaghmlu.
Illi permezz ta’ nota esebita a fol 301 tal-process, S. Mifsud & sons Ltd, ddikjarat li gie cedut favuriha d-dritt litiguz ghall-kawza fuq imsemmija u b’hekk assumiet l-atti ta’ dina l-kawza.

**Il-Mertu tal-kaz**

Il-Qorti taghmel referenza ghan-numru kbir ta’ *statements* li gew esebiti in atti mis-socjeta’ rikorrenti[1] u li jaghtu rendikont u bazi tat-talba attrici. Permezz tal-affidavit tieghu, Joseph Sacco[2] bhala *finance director* ta’ SMS Group of Companies jghid li l-kumpanija attrici kienet qabbdet lil S. Mifsud & Sons Ltd sabiex tiehu hsieb l-*accounts* taghhom. Jikkonferma li s-socjeta’ attrici flimkien mal-intimati kienu qieghdin joperaw taħt l-isem ta’ *Savemart* permezz ta’ *franchise agreement*[3] u permezz tieghu, *Savemart* setghet tixtri prodotti minghand Sisa Malta Ltd li hija sussidjarja tac-CE.DI. Sisa Malta Ltd. Ix-xhud jispjega wkoll li l-arrangament ta’ bejn il-partijiet kien fis-sens li l-flus tas-*Savemart* jidhlu f’kont bankarju tas-Sisa u il-kont tas-*Savemart* kien jigi kreditat b’kull ma kien jigi depositat. L-iskop wara dan l-ezercizzju kien (dejjem skond ix-xhud) li jkun assigurat li kwalunkwe flus li jaqla’ l-hanut *Savemart* jintuzaw ghall-hanut u mhux ghal skopijiet ohra. Ix-xhud jikkonferma li dan l-arrangament sar fiz-zmien li l-intimati kellhom id-dejn ma min kien jissuplixxihom. Joseph Sacco jaghmel referenza ghal klawsola numru 1(3) tal-istess ftehim imsemmi li tghid hekk:

“***The Franchisee shall not hold itself out as being the agent or partner of the Franchisor, or as being entitled to pledge the credit of the Franchisor, and will identify itself as an independent undertaking in all dealings with third parties and on all stationery, signs and other objects bearing the marks***”;

---

[1] Ara a fol 4 sa’ fol 79 tal-process
[2] Ara a fol 90 tal-process
[3] Li hu esebit a fol 95 tal-process

Pero' fl-istess hin ix-xhud jghid ukoll li l-gestjoni tal-hanut kienet kompetament f'idejn Cynthia El Gazi u z-zewg uliedha u jsostni (kif isostni wkoll Simon Mifsud permezz tal-affidavit tieghu[4]), li kienet l-istess Cynthia li kienet taghmel l-ordnijiet ta' x'kien hemm bzonn u kienet hi li dejjem hadet hsieb kull aspett iehor tal-*business* inkluz l-impjegati, salarji ecc u kellha kontroll assolut fuq il-bejgh u fuq il-flus li kienet iddahhal minn dan il-bejgh. Jispjega (u dan hu kkonfermat ukoll minn Gordon Galea[5] kif ukoll minn Simon Mifsud[6]) li l-procedura li suppost kellha tigi adoperata kienet li l-intimata taghmel il-*cash sheet* tal-gurnata, u cioe' tispjega kemm bieghet u kif gie mhallas il-bejgh (jekk mhux bil-karta ta' kreditu, *cheque* jew kontanti) imbaghad skond il-ftehim kellha d-dover li tiddeposita c-*cheques* u l-flus kontanti fil-bank *account* tas-socjeta' attrici kif spjegat aktar 'il fuq. Izda jghid li fil-prattika, s-socjeta' attrici ma kellhiex mezz biex tivverifika x'bejgh u transazzjonijiet kienu saru (ad eccezzjoni tat-transazzjonijiet bil-karta ta' kreditu li kienu jmorru direttament fil-kont bankarju ta' Sisa). Ix-xhud jispjega li mill-ahhar ta' Marzu 2006 sa' nofs Novembru 2006, Sisa kienet iffatturat lil Savemart €727,999 ghal xoghol ordnat minn Savemart u hallset ukoll direttament lil Alf Mizzi & Sons Ltd Lm3800 li kien gie garantit mis-socjeta' attrici ghan-nom ta' *Savemart* (kif jikkonferma wkoll Simon Mifsud[7]). Imbaghad jispjega wkoll li din il-procedura ta' depositi ma kienitx qieghda tintuza minn *Savemart* ghaliex "***ma kienitx qed tiddeposita dak kollu li kien qed jingabar mis-supermarket***" u jzid jghid li l-unika *cash* li seta' ma jigix depositat kien *cash* li kellu jintuza ghax-xiri ta' hobz u l-halib u xejn aktar. Jghid li minn Lulju 2006 *Savemart* bdiet izzomm aktar ammonti milli bdew jigu depositati u minn Awwissu ma beda jigi depositat xejn mill-flus u *cheques* li kienu jingabru. Jispjega wkoll li gie avvanzat pagament ta' Lm47,300 bejn April 2006 u l-ahhar ta' Lulju 2006 bil-ghan li jithallsu kontijiet tas-*supermarket,* imma s-socjeta' attrici ma kienitx tara l-kontijiet u ghaldaqstant, ix-xhud jghid li hemm dubju ghal

[4] Ara a fol 141 tal-process
[5] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 138 tal-process
[6] Ara a fol 141 ral-process
[7] Ara l-affidavit ta' Simon Mifsud esebit a fol 141 tal-process

x'hiex setghu intuzaw dawn il-flus. Gordon Galea, bhala impjegat ta' S. Mifsud & Sons ukoll jikkonferma li kien hemm zmien meta *Savemart* "***ma kienx jiddeposita l-flus kontanti u c-cekkijiet fil-kont ta' Sisa imma dawn kienu jinzammu minn Savemart***"[8] u dan huwa kkoraborat ukoll mix-xhieda ta' Simon Mifsud[9]. Gordon Galea jzid jghid li ghalkemm *Savemart* "***kien juri fuq ir-rendikont kemm fil-fatt dahlu flus u cekkijiet, Savemart kien zamm dawn il-flus minghajr l-awtorizazzjoni ta' Sisa***". L-intimata tammetti li waqfet taghmel *cash payments* fil-kont tas-socjeta' attrici f'Novembru 2006[10].

Illi Simon Mifsud, permezz tal-affidavit tieghu, jghid li s-socjeta' attrici ghamlet dak kollu li hu possibbli sabiex tghin lill-intimati jergghu igibu l-hanut fuq saqajh. Fi kliemu stess jghid "***Sisa tried very hard to assist Mrs. El Gazi and held regular meetings with her in order to put forward various suggestions and ideas…..Sisa often lent El Gazi money to make ends meet and keep the ball rolling as better result from the relevant statements attached as SMD***"[11]. Dan kollu jkompli jikkonvinci lill-Qorti li s-socjeta' attrici zammet mal-obbligazzjonijiet taghha naxxenti mill-iskrittura privata li kienet vigenti bejn il-partijiet, tant li accertat ruhha li jkun hemm istallazzjoni ta' *software* li permezz tieghu l-hanut ikun konformi ma' ohrajn li jaqghu taħt l-istess socjeta' attrici. Dan hu kkonfermat ukoll minn Neeskens Facciol[12] bhala impjegat ta Advanced Business Solutions Limited, fejn jelenka diversi xogholijiet li saru lil savesmart San Gwann, fosthom kiri ta' kollegament bejn is-supermarket u l-ufficju principali VPN Connection, xiri ta' taghmir eletroniku informatiku, installazjoni ta' software u tahrig u support. Tenut kont ta' kollox, Simon Mifsud jikkonferma permezz tal-affidavit tieghu li l-ammont ta' €254,894.94 ghadu dovut lis-socjeta' attrici minghand l-intimati.

---

[8] Ara a fol 139 tal-process
[9] Ara a fol 143 tal-process
[10] Ara a fol 282 tal-process
[11] Ara a fol 143 tal-process
[12] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 248 tal-process

Min-naha l-ohra l-intimati jikkontendu li l-ebda ammont m'huwa dovut, tant li Joseph Abela, permezz tal-affidavit tieghu[13] jaghti stampa totalment differenti minn dik li taghti s-socjeta' attrici u fuq kollox, kuntrarja ghal dak li huwa miftiehem bejn il-partijiet permezz tal-iskrittura privata li kienet vigenti bejniethom. Ix-xhud jghid li s-socjeta' attrici ma tatx impressjoni li hija wahda efficcjenti u jitfa' r-responsabbilita' tal-akkadut fuq l-istess socjeta' attrici, anke minhabba l-prezzar tal-oggetti mibjugha. Pero' il-Qorti mhijiex konvinta minn din il-verzjoni tal-fatti ghaliex wara kollox, l-intimata bintu setghet taghzel li ma tinnegozjax mas-socjeta' attrici jekk hasset li l-istess socjeta' attrici ma kienitx efficcjenti. L-intimata wkoll taghti stampa kerha tas-socjeta' attrici sa' mill-bidu nett izda ma tghid xejn dwar x'wassalha biex finalment xorta tiddeciedi li tiffirma ftehim mal-istess socjeta' attrici. Il-Qorti tirrileva li l-verzjonijiet moghtija minn Joseph Abela u l-intimata m'huma kredibbli xejn, anzi huma biss mezz sabiex jipprovaw ipingu lill-istess socjeta' attrici f'dell ikrah. Jigi rilevat ukoll li l-ftehim bejn il-partijiet kien wiehed regolat permezz ta'skrittura privata u ghalhekk, *ai termini* tal-principju ta' *pacta sunt servanda* dan l-istess principju ghandu jigi applikat. Huwa pjuttost inituli li l-intimati, permezz tax-xhieda taghhom (bhal ma jikkontendu Joseph Abela u l-intimata Cinzia El Gazi) ighidu li bejn il-partjiet kien hemm xi ftehim iehor, ghaliex il-Qorti trid necessarjament tapplika u tinterpreta l-ftehim bil-miktub tal-partijiet. F'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-principju legali *pacta sunt servanda* u ghall-Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

"(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***.
(2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi***".

*Ai termini* tal-istess Artikolu, imbagħad issir referenza wkoll ghall-gurisprudenza relattiva ghall-principju hawn fuq imsemmi, fosthom:

[13] Esebit a fol 267 tal-process

- **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** (deciza nhar it-30 ta' Mejju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili) fejn gie ritenut li "***Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espresso … li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda***";

- **Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti** (deċiża nhar it-13 ta' Frar 1950 mill-Qorti tal-Appell) fejn gie dikjarat li "***gjaladarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu, skond ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti***";

- **Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino** (deciza nhar il-11 ta' Novembru 1997 mill-Qorti tal-Appell)

u

**Raymond Vella, Joseph Vella vs Neil Duffy, Kim Duffy** (deċiża nhar it-22 ta' Lulju 2010 mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar)

Fejn gie ritenut li "***l-qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, cioe' ir-rationalis principium, huwa l-pacta sunt servanda***";

- **Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivans Limited** (deċiza nhar it-8 ta' Jannar 2010 mill-Qorti tal-Appell), b'referenza ghal Artikolu 992 tal-Kap. 16 citat aktar 'il fuq gie ritenut li "***strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-***

***kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi***".

Ghalhekk, in vista ta' dak citat u in vista tal-verzjoni tal-fatti hekk kif migjuba minn Joseph Abela u l-intimata El Gazi permezz tal-affidavit taghhom, il-Qorti ma tistax ma taqbilx li hija l-iskrittura privata li kienet vigenti bejn il-partijiet li ghandha tigi applikata, ghaliex hija dik l-istess skrittura privata li verament turi l-intenzjonijiet tal-partijiet u xejn aktar. Ghalhekk, f'dan l-istadju, il-Qorti trid tghaddi sabiex fl-ewwel lok tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimati stess kif ukoll sabiex tiddeciedi dwar liema verzjoni hija aktar verosimili ghall-kaz odjern.

<u>Dwar it-terminazzjoni tal-ftehim</u>

Joseph Sacco[14] bhala *finance director* ta' SMS Group of Companies, jikkonferma li f'Ottubru 2006 il-bejgh ta' *Savemart* waqa' ghal €71,975 u kien hawn li r-relazzjoni bejn s-Sisa u s-*Savemart* intemmet. Simon Mifud jispjega li "***Towards the end of our relationship, Mrs. El Gazi was retaining monies (in cash) that she was generating from the supermarket, in breach of the agreement we had between us. This effectively meant that Sisa would be supplying her products without having the cash generated from the shop as security, at a time when El Gazi was already heavily indebted to Sisa. We therefore decided to terminate the agreement to which she did not at any time object***".

*Ai termini* tal-principju ta' *pacta sunt servanda,* il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-iskrittura privata li kienet vigenti bejn il-partijiet u tirrileva li s-socjeta' attrici kellha d-dritt li tittermina l-ftehim f'kaz li l-intimati "[do] ***not pay or submit any sum or document required under the terms of this agreement at the latest within 21 days following its due date***". Jirrizulta ampjament mill-provi li l-intimati ma zammewx mal-obbligu li jhallsu u jiddepositaw l-bejgh taghhom, u dan ghal aktar miz-zmien

[14] Ara a fol 90 tal-process

indikat u ghalhekk, il-Qorti ma tarax ghaliex s-socjeta' attrici kellha tibqa' zzomm il-ftehim fis-sehh meta rrizulta bl-aktar mod car li l-intimati kienu naqsu mill-obbligazzjonijiet taghhom (u dan kif gie pruvat u spjegat aktar 'il fuq).

Dwar l-allegat ksur tal-klawsoli 3(b), 4 u 9 tal-ftehim

L-intimati jikkontendu li l-klawsoli hawn fuq imsemmija gew miksura da parti tas-socjeta' attrici. Dan ifisser li l-intimati jikkontendu li s-socjeta' attrici m'offrietx "***operational support throughout the duration of this agreement, by providing such suitably qualified staff in such numbers and for such periods as the Franchisor shall reasonably consider necessary in the circumstances***" izda il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, terga' taghmel referenza ghax-xiehda prodotta aktar 'il fuq, fosthom dik ta' Neeskens Facciol[15] bhala impjiegat ta Advanced Business Solutions Limited fejn jispjega b'mod dettaljat it-tip ta' ghajnuna u sapport li l-intimati inghataw fuq inizzjattiva tal-istess socjeta' attrici, u dan apparti x-xiehda l-ohra kollha prodotta mis-socjeta' attrici f'dan is-sens.

L-intimati jallegaw ukoll li s-socjeta' attrici naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti minn klawsola numru 4, izda ghal darb'ohra jerga' jigi rilevat li din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi, anzi gie pruvat proprju l-kuntrarju.
L-istess irid jinghad dwar l-allegazzjoni tal-ksur tal-klawsola numru 9, u dan *stante* li hekk kif jirrizulta mill-provi prodotti, jirrizulta bl-aktar mod car li kienu l-intimati li naqsu milli jiddepositaw il-flus tal-bejgh fil-kont tas-socjeta' attrici u dan necessarjament ifisser li n-nuqqas sehh da parti tal-istess intimati u mhux tas-socjeta' attrici.

Illi il-Qorti tirrileva li huwa minnu li quddiemha ghandha provi kuntrastanti, ghalkemm l-intimati ressqu biss zewg affidavits u li ma gewx akkumpanjati bi provi ulterjuri imma mill-istess provi mressqa,  il-Qorti trid tkun f'qaghda ta'

[15] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 248 tal-process

certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu u li trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita’ tal-provi u fit-tieni lok fil- qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Bhala punt ta’ dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa’ assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita’ tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta’ gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo** deciz nhar il–25 ta’ Gunju 1980 mill-Appell Inferjuri). Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f’mohh il-gudikant, li tkun indotta minn preponderanza ta’ provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** deciza nhar it–8 ta’ April 1994 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili ; **Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib** deciza nhar is-17 ta’ Lulju 1981 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili; **Vassallo vs Pace** [Vol.LXX.II.144] u **Zammit vs Petrococchino** deciza nhar il-25 ta’ Frar 1952 mill-Appell Kummercjali.

Illi kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-28 ta’ April 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

***“Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika. Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi,***

***ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo"***.

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment huma sufficjenti ghall-konvinciment. Kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza fil-25 ta' April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"**Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli**."*

In vista ta' dak citat aktar 'il fuq u in vista tal-provi migjuba quddiem il-Qorti, b'referenza specifika ghall-provi dokumentarji vasti li gew presentati in atti kif ukoll fost ohrajn, ghax-xiehda tal-intimata stess meta tammetti li kien hemm *mismanagement* fil-gestjoni tan-negozju fi zmienha wkoll[16], il-Qorti hija moralment konvinta li s-

[16] Ara a fol 304 tal-process

socjeta' attrici rnexxielha tipprova l-kawza taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, u tiddikjara li l-intimati huma debituri tas-socjeta attrici fis-somma ta' mitejn u erbgha u hamsin elf tmien mija u erbgha u disghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€254,894.95) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u hamsin elf tmien mija u erbgha u disghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€254,894.95) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1228/2007 u bl-imghax kummercjali mid-data ta kull konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------